QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
INFERJURI

MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA
LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 28 ta' Ottubru 2022**

**Avviż Numru: 6/2020 BS**

**David's Bakery Co. Limited u**
**Abraham Supplies Limited**

**-vs-**

**Joseph Buttigieg u Angela Buttigieg**

**Il-Qorti;**

## A. Preliminari:

**Rat l-avviż tal-atturi**[1] fejn talbu lill-konvenuti jħallsu l-ammont kumplessiv ta' tnax-il elf mija u sitta u disgħin ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€12,196.68) kwantu għal għaxart elef erba' mija u ħamsa u tmenin ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€10,485.27) lil David's Bakery Co. Limited, u kwantu għal elf seba' mija u ħdax-il ewro u wieħed u erbgħin ċenteżmu

[1] A fol 1 sa 4.

(€1,711.41) lil Abraham Supplies Limited, rappreżentanti provvisti ta' prodotti konsenjati lill-konvenuti u mgħaxijiet hekk kif jidher mid-dokumenti annessi mal-avviż u mmarkati bħala Dok. A, Dok. B u Dok. C, salv imgħax u spejjeż ulterjuri.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 30/2017, tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u bl-imgħaxijiet skont il-Liġi kontra l-konvenuti.

**Rat ir-risposta tal-konvenuti[2] illi eċċepew:**

1. Preliminarjament illi Angela Buttigieg ma hix il-leġittima kontraditriċi tat-talbiet attriċi u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma preskritti a tenur tal-artikolu 2148 (b) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi alternattivament u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma preskritti a tenur tal-artikolu 2156 (f) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi l-esponenti qed jikkontestaw it-talbiet attriċi bħala [i]nfondati fid-dritt u kif ukoll fil-fatt;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjeż.

**Fliet l-atti**;

[2] A fol 9 sa 10.

**Rat** li din il-kawża għaddiet għand din il-Qorti kif presjeduta permezz ta' verbal tat-8 ta' Marzu, 2022[3];

**Rat** li fis-seduta tat-22 ta' Ottubru, 2020 l-Qorti ordnat l-inverżjoni tal-provi rigward l-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni[4];

**Rat** li fis-seduta tat-13 ta' Jannar, 2021 il-konvenuti ddikajaraw li ma kellhomx aktar provi xi jressqu rigward l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni[5];

**Rat** in-nota bid-dokumenti esibita mis-soċjetajiet atturi nhar l-1 ta' Diċembru, 2021[6] li minnhom jirriżultaw ix-xoljiment tas-soċjetajiet li kellu l-konvenut Joseph Buttigieg, ossia; Mediterranean Delights Ltd u Gozo Services (Peterborough) Ltd;

**Rat** li fis-seduta tas-17 ta' Ġunju, 2022 wara li l-abbli difensur tas-soċjetajiet atturi talab l-allegazzjoni tal-proċess relattiv għall-Mandat ta' Inibizzjoni numru 30/2017 fl-istess ismijiet ta' din l-istanza, iddikjara li m'għandux aktar provi xi jressaq rigward l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni u l-Qorti, wara li akkordat terminu lill-partijiet għall-preżentata tan-noti ta' sottomissjonijiet, iddifferiet il-kawza għal-lum għas-sentenza preliminari dwar l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni[7];

**Rat** l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 30/2017, preżentat fir-Registru tal-Qorti nhar l-1 ta' Settembru, 2017, fl-istess ismijiet ta' din l-istanza liema att ġudizzjarju ġie notifikat lill-konvenuti t-tnejn nhar it-28 ta' Jannar, 2020 u l-konvenuti għamlu r-risposta tagħhom għalih nhar it-30 ta' Jannar, 2020;

[3] A fol 76.
[4] Verbal a fol 11.
[5] Verbal a fol 15.
[6] A fol 66 sa 73.
[7] Verbal tas-17 ta' Ġunju, 2022.

**B. Provi — Xhieda:**

**Joseph Buttigieg**, wieħed mill-konvenuti, xehed permezz ta' affidavit.[8] Jgħid li kemm hu u kemm martu qatt ma ntalbu jħallsu l-fatturi li ġew ippreżentati mal-avviż ta' din il-kawża. Jagħmel referenza għall-fattura maħruga minn David's Bakery Co. Limited li ġġib id-data tat-28 ta' April, 2012, kif ukoll għall-fatturi maħruġa minn Abraham's Supplies Limited tad-9 ta' Marzu, 2012 u tnejn oħra tad-9 ta' Lulju, 2012. Isostni li f'dawn il-fatturi m'hemmx indikati l-prodotti li tagħhom qed jintalab il-ħlas. Jgħid li fit-28 ta' Jannar, 2020 mar il-posta sabiex jiġbor ittra reġistrata li permezz tagħha kien infurmat li kellu jmur il-Qorti sabiex jiġbor xi karta. Huwa mar il-Qorti u hemm ġie notifikat bil-Mandat ta' Inibizzjoni numru 30/2017 li kien sar kontrih u kontra l-mara tiegħu, il-konvenuta l-oħra. Jgħid li dan il-mandat kien ġie pprezentat fl-1 ta' Settembru, 2017 iżda huwa ġie notifikat bih fit-28 ta Jannar, 2020. Ikompli jgħid li huwa ilu jgħix l-Ingilterra sa mill-2004 però jiġi Għawdex cirka darba fix-xahar. Jispjega li fl-Ingilterra huwa kien direttur ta' soċjetà bl-isem Gozo Services (Peterborough) Limited li qabel l-2013 kien jisimha Gozo Electrical Limited li kellha żewġ kumpaniji sussidjarji — Gozo Vending u Mediterranean Delights. Jgħid li l-kumpanija kienet tbigħ prodotti Maltin fl-Ingilterra. Jgħid li n-negozju kien isir mill-kumpanija u mhux minnu personalment. Jgħid li martu, il-konvenuta Angela Buttigieg, qatt ma kellha x'taqsam ma' din il-kumpanija. Jgħid li l-kumpanija Gozo Services (Peterborough) Limited ġiet xolta għax falliet u ġiet stralċjata fl-2018.

**Prodott bħala xhud tas-soċjetajiet atturi**, xehed ulterjorment[9] li bħalissa huwa *self-employed* fit-turiżmu fejn imexxi *guest houses* ġewwa Malta u Għawdex. Jgħid li lis-soċjetajiet atturi jafhom għax kien jagħmel negozju magħhom meta kien ibigħ il-

[8] A fol 13 sa 14.
[9] A fol 47 sa 54.

prodotti tal-ikel Maltin fl-Ingilterra. Jgħid li mingħandhom intbagħtet ordni waħda u waslet f'facilità tal-ħażna industrijali li kellu l-Ingilterra. Jagħraf id-dokumenti a fol 34 sa 38 bħala fatturi mibgħuta lilu minn David's Bakery. Jgħid li n-negozju beda jmur ħażin u fl-aħħar il-kumpanija xoljiet. Jinsisti li l-ordinijiet kienu jsiru minnu f'isem il-kumpanija li kellu Mediterranean Delights. Jgħid iżda li l-kumpanija prinċipali kienet Gozo Services u li din il-kumpanija kienet irreġistrata l-Ingilterra. Mistoqsi għal darb'oħra, jgħid li l-ikel minn Malta ordnah huwa darba iżda ma ordnahx għalih imma għall-kumpanija. Rigward il-ħlasijiet jgħid li lis-soċjetà Abraham's Supplies huwa kien ħallasha u lis-soċjetà David's Bakery jgħid li jaħseb li ħallasha però ma jistax isib konferma (*records*). Jikkonferma li kien għad baqa' bilanċ dovut x'jitħallas.

**In kontroeżami**[10] jikkonferma li meta għamel l-ordni mingħand is-soċjetajiet atturi huwa għamel hekk bħala direttur u mhux f'ismu personali.

**In rieżami**[11] jgħid li l-kumpanija ġiet xolta għax falliet. Jobbliga ruħu li jesebixxi d-dokumenti li juru li l-kumpanija ġiet xolta (b' nota ppreżentata fil-15 ta' Ottubru, 2021, esibixxa dokumenti li juru li l-impjieg tiegħu mas-soċjetà Gozo Services (Peterborough) Ltd kien ġie terminat abbażi ta' *redundancy*.[12]

**Michelina *sive* Lina Mercieca,** prodotta mis-soċjetajiet atturi, xehdet permezz ta' affidavit.[13] Tgħid li hija direttriċi tal-kumpanija David's Bakery Limited. Tgħid li l-konvenut Joseph Buttigieg kien jixtri l-prodotti mingħand il-kumpanija attriċi. Tgħid li kien hemm ordnijiet li għamel il-konvenut u tħallsu iżda l-ordni relattiva għall-ammont mitlub f'din il-kawża baqgħet ma tħallsitx. Tisħaq li perjodikament huma kienu

[10] A fol 54 sa 55.
[11] A fol 55 sa 57.
[12] A fol 60 sa 65.
[13] A fol 20.

jibagħtu *statements* lill-konvenuti sabiex isir il-ħlas dovut u darba minnhom il-konvenut saħansitra skuża ruħu għad-dewmien u infurmahom li kien lest iħallas l-imgħax. Tippreżenta kopji ta' imejls li juru l-kommunikazzjoni bejn il-partijiet.[14]

**Xehdet ulterjorment** fil-proċeduri tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 30/2017.[15] Murija l-fatturi relattivi tgħid li dawn huma l-fatturi li baqgħu pendenti mal-konvenut Joseph Buttigieg. Tgħid li bħala klijent huma jafu biss lil Joseph Buttigieg. Tgħid li kien huwa personalment li mar għandhom sabiex saru l-ordnijiet. Murija xi imejls tgħid dawk huma l-imejls li kien jibgħat lilhom l-istess konvenut Joseph Buttigieg.

**In kontroeżami**[16] tgħid li ma' Angela Buttigieg m'għandhom x'jaqsmu xejn u għandhom biss x'jaqsmu ma' Joseph Buttigieg. Tgħid li kienu jibagħtulu xogħol ta' ikel. Tinsisti li qatt ma kellhom kommunikazzjoni ma' Mediterranean Delights iżda l-kommunikazzjoni dejjem kienet ma' Joseph Buttigieg. Taqbel li hija tirrapreżenta biss lil David's Bakery, mhux ukoll lil Abraham's, u li l-unika fattura relattiva għal David's Bakery hija dik tal-2012. Tikkonferma li l-ewwel azzjoni li ttieħdet bil-Qorti kienet permezz tal-Mandat ta' Inibizzjoni u li ma baghtux ittra uffiċjali.

## Ċ. Ikkunsidrat:

Din hija kawza għall-ħlas ta' bilanċ minn somma akbar mitlub mis-soċjetajiet atturi mill-konvenuti wara bejgħ ta' prodotti tal-ikel li sar minnhom favur l-konvenuti jew min minnhom.

---

[14] A fol 21 sa 45.
[15] Seduta tal-14 ta' Frar, 2020 fil-proċess tal-Mandat ta' Inibizzjoni.
[16] Seduta tal-14 ta' Frar, 2020 fil-proċess tal-Mandat ta' Inibizzjoni.

Is-soċjetajiet atturi jgħidu li huma biegħu diversi prodotti tal-ikel lill-konvenuti liema prodotti ntbagħtu l-Ingilterra sabiex il-konvenuti setgħu mbagħad ibigħu l-istess fl-Ingilterra. Jinsistu li l-konvenuti, però, qatt ma ħallsuhom ta' dawn il-prodotti.

Minn naħa tagħhom, il-konvenuti, apparti eċċezzjonijiet oħrajn, qajmu wkoll l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt żewġ artikolu tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia l-Artikolu 2148(b) u l-Artikolu 2156(f).

F'dan l-istadju preliminari din il-Qorti sejra biss tiddeċiedi fuq l-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni mqajma mill-konvenuti.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-artikoli tal-preskrizzjoni invokati mill-konvenuti jaqraw kif isegwi:

> **2148.** *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:*
> *[…]*
> *(b) l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut […]*
>
> **2156.** *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*
> *[…]*
> *(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġe jminn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku […]*

Dawn l-artikolu jridu jiġu kkunsidrata konġuntivament mal-Artikolu 2160 tal-istess Kap. 16 li jrid hekk:

**2160.** *(1)* ***Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli*** *2147,* ***2148****, 2149,* ***2156*** *u 2157,* ***m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa****.*

*(2) Jekk il-ġurament jingħata mill-werrieta tal-persuna li tagħha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew minn oħrajn li l-jeddijiet tagħhom ġejjin mingħand dik il-persuna, il-preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li ma jafux li l-ħaġa għandha tingħata.*

*(3) Fil-proċeduri għall-ġbir ta' debiti li għalihom hemm referenza fil-proviso għall-artikolu 2156, meta parti tagħti ġurament li hija mhijiex debitur, din trid tagħti raġunijiet għaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur.*

[Enfażi miżjuda]

Qabel tindaga dwar dak premess fl-Artikolu 2160 rigward il-ġurament deċiżorju, il-Qorti jeħtiġilha li tqis minn meta għandu jingħad li bdew jiddekorru t-termini preskrittivi stabbiliti fl-Artikoli 2148 u 2156.

Il-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenuti hija waħda estinsiva tal-azzjoni attriċi fejn isib allura applikazzjoni l-prinċipju illi *actioni non natae non praescribitur*, ossia, azzjoni li għadha mank twieldet ma tistax tiġi dikjarat eżawrita (preskritta). Huwa infatti risaput li l-perijodu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri biss mill-mument minn meta setgħet tinbeda azzjoni in kawtela ta' dritt, mhux qabel. Dan il-prinċipju jinstab kristallizzat fl-Artikolu 2137 tal-Kap. 16 li jaqra hekk:

**2137.** *Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.*

L-awturi ġuristi Baudry-Lacantinerie u Tissier it-tnejn jgħallmu:

*Quanto alla prescrizione estinsiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l-azione che e destinate ad estinguere.*[17]

Jgħallmu wkoll:

*La prescrizione estinsiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell-evento che fa nascere il diritto rimasto fin allora puramente eventuale.*

Huwa allura ċar li t-terminu tal-preskrizzjoni estinsiv jibda jiddekorri biss minn dakinhar li l-azzjoni tkun tista' tigi istitwita. Magħdud dan, tibqa' l-kwistjoni tal-mogħdija tal-perijodu preskrittiv allegat mill-konvenuti.

F'dan ir-rigward, fid-deċiżjoni mogħtija nhar it-12 ta' Jannar, 2005 fl-ismijiet ***Ignatius Busuttil vs Water Services Corporation***,[18] il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

*Hu stabbilit fil-gurisprudenza illi minn iqajjem l-eccezzjoni tal-prekrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju li jiddefinixxi liema terminu preskrittiv kien japplika ghall-fatti in kawza. (Ara* ***Jeremy Holland nominee vs Joseph Chetcuti****, Appell, 25 ta' Frar, 2000). Fatti li jridu jirrizultaw mill-atti u mhux minn dawk li kellhom jew setghu nġiebu u baqghu ma tressqux.*

---

[17] Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione: Cap XII. Para. 364, Pag. 279.

[18] App. Nru. 2761/2002/1 PS.

*Essenzjalment, il-kwestjoni hi waħda ta' fatti li tiddependi mill-apprezzament tal-provi. Apprezzament dan li jeħtieġ li jsir minn din il-Qorti gjaladarba l-eċċezzjoni ġiet sollevata f'dan l-istadju u mhux quddiem it-Tribunal adit.*

Abbażi ta' dawn il-prinċipji, imiss issa lill-Qorti sabiex tiddetermina jekk f'dan il-każ li għandha quddiemha llum:

i. Għaddiex il-perijodu preskrittiv tenut kont tad-data minn meta dan jitqies li beda jiddekorri, u;

ii. Kienx hemm **ġurament deċiżorju** ai termini tal-Artikolu 2160.

Fil-każ tal-lum, is-soċjetajiet atturi jinsistu li huma kredituri tal-konvenuti fil-valuri identifikati fl-Avviż.

Sabiex jippruvaw dan huma ppreżentaw diversi fatturi (*invoices*) u ressqu wkoll lix-xhud **Michelina *sive* Lina Mercieca**, direttriċi tas-soċjetà attriċi David's Bakery Co. Limited, li stqarret li hija titkellem biss f'isem l-istess attriċi u mhux ukoll f'isem l-attriċi l-oħra. Din ix-xhud tgħid ukoll li l-arranġamenti kummerċjali huma (ossia David's Bakery Co. Limited) għamluhom dejjem u unikament mal-konvenut Joseph Buttigieg, ad esklużjoni ta' martu, il-konvenuta l-oħra, u ad esklużjoni ta' kwalunkwe soċjetà msemmija minnu.

Minn naħa l-oħra, il-konvenut Joseph Buttigieg jinsisti li huwa qatt ma kkuntratta personalment mas-soċjetajiet atturi, li qatt ma rċieva fatturi jew twissijiet mingħandhom, li s-socjetà attriċi tiegħu li kienet tikkuntratta mall-atturi hija issa stralċjata, u li ma jafx jekk id-dejn pretiż tħallasx iżda jaf li kien baqa' bilanċ.

Fid-deċiżjoni tal-lum din il-Qorti sejra tħares biss lejn id-dati rilevanti, il-mogħdija taż-żmien, u d-dikjarazzjonijiet rigward l-istess li għamlu l-partijiet kontendenti f'dawn il-proċeduri sabiex tiddeciedi dwar il-preskrizzjoni. U dan stante li din tal-lum hija deċiżjoni preliminari rigward il-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenuti.

Mill-assjem tal-provi, u partikolarment mill-kopji tal-fatturi u imejls esibiti in atti, jirriżulta illi saret ordni bejn l-4 ta' April, 2012 u l-21 ta' April, 2012. Din l-ordni ġiet ikkonfermata b'imejl tat-28 ta' April, 2012 u nħargu 4 fatturi flimkien ma' *statement of account* mibgħuta mis-socjetà attriċi David's Bakery Co. Limited.

Imbagħad bejn it-30 ta' Mejju, 2012 u t-30 ta' Awwissu, 2012 kien hemm rikjesti għall-ordni ulterjuri ta' aktar prodotti. B'imejl ta' nhar id-9 ta' Ottubru, 2012 l-konvenut Joseph Buttigieg skuża ruħu li l-ħlas dovut lis-socjetà attriċi David's Bakery Co. Limited kien għadu ma sarx u wiegħed li ser jibda jagħmel il-ħlasijiet mill-gimgha ta' wara bl-intiża li jaqta' l-kont sa Novembru. B'risposta għall-istess, l-għada, nhar l-10 ta' Ottubru, 2012 ir-rappreżentant ta' David's Bakery Co. Limited talab lill-konvenut Joseph Buttigieg sabiex almenu jħallas nofs il-kont sal-ġimgha ta' wara. Għal din it-talba l-konvenut Joseph Buttigieg irrisponda li ser jagħmel li jista'.

Fid-9 ta' Novembru, 2012, is-soċjetà attriċi David's Bakery Co. Limited infurmat lill-konvenut Joseph Buttigieg li kien għadda biżżejjed żmien u talbet li jsir il-ħlas. Hawnhekk isegwu diversi imejls oħrajn fejn ġew diskussi l-ħlasijiet tal-kont pendenti, inkluż dik tat-30 ta' Awwissu, 2014[19] u l-konvenut talab lis-socjetà attriċi David's Bakery Co. Limited sabiex tibgħatlu d-dettalji tal-kont bankarju sabiex jibda programm ta' pagamenti favur il-fattura tat-28 ta' April, 2012, ossia, dik mertu ta' dawn

[19] A fol 27.

il-proċeduri fejn jirrigwarda s-soċjetà attriċi David's Bakery Co. Limited.

Jirriżulta wkoll li fit-28 ta' Mejju, 2015 s-soċjetà attriċi David's Bakery Co. Limited fakkret lill-konvenut Joseph Buttigieg sabiex jissalda l-kont pendenti. Mill-atti ma tirriżulta ebda risposta għal din l-imejl.

Minn dawn il-provi din il-Qorti tislet illi d-data aħħarija li minnha jista' jingħad li beda jiddekorri t-terminu preskrittiv fil-konfront tas-socjetà attriċi David's Bakery Co. Limited hija dik tat-30 ta' Awwissu, 2014 fejn il-konvenut kien għadu qiegħed jiddiskuti ħlas u allura, hemm ammissjoni impliċita li l-valur reklamat mis-soċjetà attriċi David's Bakery Co. Limited (ad esklużjoni tas-soċjetà attriċi l-oħra li f'dawn id-diskussjonijiet ma kinitx parti) huwa dovut.

Minn naħa l-oħra, fir-rigward tas-soċjetà attriċi Abraham Supplies Limited il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-preskrizzjoni bdiet tiddekorri mid-data tal-aħħar fatturi maħruġa minnha lill-konvenut u allura mid-9 ta' Lulju, 2012 stante li mill-atti ma jirriżultax li din l-attriċi ressqet provi oltre l-kopja tal-i*statement* tagħha a fol 3 tal-proċess u l-*breakdown* relattiv għat-talba tagħha konġuntivament ma' dik tal-attriċi l-oħra a fol 4 tal-proċess minn fejn tirriżulta din bħala d-data tal-aħħar fattura maħruġa minnha.

Jirriżulta wkoll mill-atti li wara dawn id-dati tad-9 ta' Lulju, 2012 u t-30 ta' Awwissu, 2014 l-uniku pass ġudizzjarju li ħadu ż-żewġ soċjetajiet atturi kien permezz tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 30/2017 li ġie ppreżentat nhar l-1 ta' Settembru, 2017 u ġie biss notifikat lill-konvenuti nhar it-28 ta' Jannar, 2020.

Hawnhekk isiru relevanti s-segwenti artikoli tal-Kap. 16 relattivi għall-ksur tal-preskrizzjoni:

**2128.** ***Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b'kull att ġudizzjarju ppreżentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra tagħha wieħed irid li ma jħallix timxi l-preskrizzjoni****, u li minnu jkun jidher biċ-ċar illi s-sid jew il-kreditur bi ħsiebhom iżommu l-jedd tagħhom.*

**2130.** *(1)* ***Il-preskrizzjoni ma tinkisirx jekk in-notifika tal-att ma ssirx qabel ma jagħlaq xahar li għandu jibda jgħodd mill-aħħar jum taż-żmien li hemm għall-preskrizzjoni.***

*(2) Iżda, jekk dak li għandu jiġi nnotifikat ikun nieqes minn Malta, in-notifika titqies li saret b'avviż maħruġ fil-Gazzetta tal-Gvern, fi żmien xahar li għandu jibda jgħodd mill-aħħar jum taż-żmien hawn imsemmi, fuq talba tal-parti li tkun ippreżentat l-att,kif jingħad fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*(3) L-avviż hawn fuq imsemmi għandu jkun fih fil-qosor l-att li bih tinkiser il-preskrizzjoni, u għandu jkun iffirmat mir-reġistratur tal-qorti li quddiemha l-att ikun ġie ppreżentat.*

[Enfażi miżjuda]

Tenut kont ta' dak ipprovdut fl-Artikoli preċitati din il-Qorti hija tal-fehma illi sabiex iż-żmien preskrittiv jinkiser validament, mhux neċessarju li ssir ittra ġudizzjarja jew protest ġudizzjarju iżda kull att ġudizzjarju jgħodd. B'dan illi, l-istess att irid jiġi notifikat lill-allegat debitur qabel ma jagħlaq xahar li għandu jibda jgħodd mill-aħħar jum taż-zmien li hemm għall-preskrizzjoni.

Fil-każ tagħna, u b'referenza għas-soċjetà attriċi David's Bakery Co. Limited, jirriżulta li l-uniku att ġudizzjarju li sar minn din l-attriċi kontra l-pretiż debitur tagħha kien il-Mandat ta' Inibizzjoni numru 30/2017 li, kif ingħad, ġie ppreżentat nhar l-

1 ta' Settembru, 2017 u ġie biss notifikat lill-konvenuti nhar it-28 ta' Jannar, 2020 u allura; 'il fuq minn ħames (5) snin u xahar wara l-aħħar komunika mal-konvenut fejn dan jista' jitqies li rrikonoxxa d-dejn pretiż ossia, dik tat-30 ta' Awwissu, 2014.

Fil-konfront tas-soċjetà attriċi l-oħra Abraham Supplies Limited, l-unika prova mressqa minn din l-attriċi kienet il-kopja tal-i*statement* tagħha[20] u l-*breakdown* relattiv għat-talba tagħha konġuntivament ma' dik tal-attriċi l-oħra[21]. Il-Qorti fliet dawn id-dokumenti u jirriżulta biss li ż-żewġ fatturi li fuqhom huwa msejjes il-valur pretiż minn din l-attriċi nħargu nhar id-9 ta' Marzu, 2012 u nhar id-9 ta' Lulju, 2012. Kif diġà ngħad l-uniku att ġudizzjarju li ppreżentat l-istess attriċi wara dawn id-dati kien il-Mandat ta' Inibizzjoni numru 30/2017 li ġie ppreżentat nhar l-1 ta' Settembru, 2017. Dan ġie notifikat lill-konvenuti fit-28 ta' Jannar, 2020 u allura deċiżament 'il fuq minn ħames (5) snin u xahar wara d-data tal-aħħar fattura mibgħuta minn din l-attriċi lill-konvenut.

Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-subartikoli (2) u (3) tal-Artikolu 2130. Ma jirrizultax iżda mill-atti li dawn is-subartikoli ġew segwiti mis-soċjetajiet atturi.

Jingħad ulterjorment li għalkemm għal dak li jikkonċerna t-trapass tal-perijodu preskrittiv jinkombi fuq il-konvenut li eċċepixxa l-preskrizzjoni li juri b'mod definittiv il-mument minn meta bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni; il-Qorti tisħaqq li huwa obbligu tagħha li tindaga hi stess minn meta bdiet għaddejja l-preskrizjoni u, dan in linea ma dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet ***Citadel Insurance p.l.c. noe et vs Anthony Mizzi***[22] fejn ingħad:

---

[20] A fol 3 tal-proċess.
[21] A fol 4 tal-proċess.
[22] App. Nru 90/2010 AE, deċiża 16 ta' Diċembru, 2015.

*"Il-Qorti dejjem u f'kull kaz għandha l-obbligu li tistharreg d-data minn meta l-preskrizzjoni tibda tiddekorri. Meta mill-provi li jitressqu m'hiex f'posizzjoni li tasal ghal xi konkluzjoni, għandha tichad l-eccezzjoni (ara sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet **John Bugeja vs Joseph Gauci,** 28 ta' Novembru, 2002)."*

Magħdud dan dwar minn meta għandu jitqies li beda jiddekorri l-perijodu preskrittiv u jekk għaddiex l-istess, jibqa' għal Qorti sabiex tikkunsidra l-ġuramaent deċiżorju ai termini ta' dak stabbilit fl-Artikolu 2160 tal-Kap. 16.

F'dan il-każ irid jingħad li in segwitu għall-emendi li ġew introdotti fil-Kodiċi Ċivili permezz tal-Att wieħed (1) tal-2017 li daħal fis-seħħ nhar it-13 ta' Jannar, 2017, jeħtieġ illi meta tiġi eċċepita l-preskrizzjoni a tenur tal-Artikoli (*inter alia*) 2148 u 2156, il-Qorti tqis ukoll din l-eċċezzjoni fid-dawl tal-Artikolu 2160 kif diġà ċċitat.

Fid-deċiżjoni mogħtija nhar is-26 ta' Jannar, 2018 fl-ismijiet ***Bottega del Marmista Ltd vs Paul Mifsud et,***[23] il-Qorti tal-Appell qalet:

*Imbagħad fis-seduta tal-25 ta' Jannar, 2017 il-konvenuti xehedu li m'għandhomx jaghtu lis-socjeta attriċi (fol. 38 u 39). Pero' dan ma kienx kaz fejn il-konvenuti nghataw il-gurament decizorju iżda fejn huma xehedu minn jeddhom. Ghalhekk ma jistghux jigu applikati l-principji tal-**gurament decizorju**. Il-qorti zzid li bl-Att 1 tal-2017, li dahal fis-sehh fit-13 ta' Jannar, 2017, saret emenda kardinali fl-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili. Qabel dakinhar id-disposizzjoni kienet tikkontempla l-possibilta lill-attur li jaghti l-gurament decizorju lill-konvenut:*

*"Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata*

[23] App. Nru. 286/2015 AE.

*lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakarx jekk il-haga ġietx imhallsa".*

*Bl-emenda li saret bl-Att 1 tal-2017 il-legislatur impona fuq il-konvenut l-obbligu li jiehu l-gurament u fin-nuqqas il-konvenut ma jkunx jista' jiehu beneficcju mill-preskrizzjonijiet qosra. Ovvjament, l-konsegwenzi legali li zviluppaw mill-gurisprudenza dwar il-gurament decizorju li ssemmew mill-ewwel qorti f'pagni 19 u 20 tas-sentenza, kienu japplikaw f'xenarju partikolari cjoe' meta l-attur jaghti l-gurament lill-konvenut. Fil-kaz in ezami l-konvenuti xehedu minn jeddhom.*

Minn dan isegwi li l-emendi tal-2017 bidlu radikalment il-pożizzjoni tad-debitur fejn issa, ai termini tal-Artikolu 2160 kif emandat, jinkombi fuq id-debitur li minn rajh u bil-ġurament tiegħu waqt il-kawża jikkonferma li m'huwiex debitur.

Ukoll fid-deċiżjoni mogħtija nhar is-6 ta' Frar, 2018 fl-ismijiet ***P&S et vs Noel Zammit et,***[24] fir-rigward tal-Artikolu 2160 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet:

*Li forsi ma fhemx il-konvenut hu, li l-eccezzjoni taht l-artiklu 2156(f) u (d) tal-Kodici Civili ma tirnexxix ghas-semplici raguni li jkunu ghaddew hames snin. It-terminu imsemmi fir-rigward tal-artikoli 2156(d) u (f) tal-Kodici Civili huwa biss wiehed u mhux l-uniku ingredjent biex tirnexxi id-difiza. Dak li jiddisponi dan l-artikolu jrid ikun abbinat mal-ingredjent l-iehor kumulattiv ta' natura procedurali, li jikkommina l-artiklu 2160(1) tal-Kodici Civili.*

*20. Dan l-artiklu jistabilixxi, li* ***min irid jipprevalixxi ruhu mill-beneficcju ta' preskrizzjoni partikulari ossia brevi, għandu (i) jixhed minn jeddu u (ii) jaghti l-gurament waqt il-Kawza li ma hux debitur. L-anqas ma jista' jgħid li ma jiftakarx li l-haga ġiet imhallsa, ghaliex dan ix-xorta ta' gurament huwa riservat***

[24] Rik. Gur. 279/17 TA.

***ghall-eredi tad-debitur*** *tant li fit-test tal-ligi il-kliem uzat huwa "ma jiftakrux" (ara Decizjoni fl-ismijiet Vincenzo Cauchi -vs- Giovanni Scerri tal-Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Ottubru 1955).*

*21. Minkejja t-tibdil fil-ligi kif fuq inghad, dawn iz-zewg formuli ta' gurament xorta baqghu sagramentali, u kull devjazzjoni minnhom ma tiswiex ai fini ta' dawn ix-xorta ta' eccezzjonijiet. Li tgħid li d-dejn huwa preskritt, minghajr ma tuza t-test li trid il-ligi, ma jiswiex biex tirnexxi din ix-xorta ta' eccezzjoni. Ma hux kompitu tal-Konvenut li jasal ghall-konkluzjonijiet legali. Il-kompitu tiegħu hu li jimxi skont dak li jitlob l-artiklu imsemmi.*

[Enfażi miżjuda]

F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għax-xhieda in kontroeżami tal-konvenut Joseph Buttigieg mogħtija nhar l-24 ta' Settembru, 2021 fejn mistoqsi rigward id-dejn pretiż jgħid:

*Kien baqa' balance […] kien baqa'.*[25]

Dan ifisser li l-konvenut ikkonferma li huwa debitur. Di più l-Artikolu 2133 tal-Kap. 16 li jrid:

> **2133.** *Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jagħraf il-jedd tal-parti li kontra tagħha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja.*

Issa huwa minnu li l-ammissjoni tal-konvenut Joseph Buttigieg saret wara li kien iddekorra l-perijodu ta' preskrizzjoni eċċepit minnu pero ġaladarba huwa għażel li jirrikonoxxi li huwa għadu debitur tas-soċjetajiet atturi allura l-ammissjoni tiegħu tfisser li qed jirrinunzja għal preskrizzjoni u dan in linea mad-

[25] A fol 54.

deċiżjoni fl-ismijiet ***Mary Rose Tabone qabel Stellini vs Silvio Vassallo pro et noe,***[26] fejn il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet illi

*"Ġie sewwa ritenut illi fejn id-debitur ma jichadx id-dejn imma sempliciment jikkontesta l-quantum ta' l-ammont dovut allegat mill-kreditur, id-debitur ikun qieghed jinterrompi u tacitament jirrinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun qed tiddekorri ("Anthony Fenech et noe –vs- John Saliba", Qorti Kummerc, 21 ta' April 1971; "Victor Calleja noe –vs- Nazzareno Vassallo et noe", Appell, 5 ta' Ottubru 1998).* ***Dan japplika wkoll jekk ir-rikonoxximent isir wara li jkun ghadda z-zmien tal-preskrizzjoni*** *("Alfredo Borg –vs- Carmelo Brincat et", Appell Civili 5 ta' Gunju 1959)* [enfażi miżjuda]"

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha ta' fatt u ta' dritt, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad l-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni sollevati mill-konvenuti.

**Decide:**

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet kollha hawn premessi u l-motivi ġa espressi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża in parte billi filwaqt illi tiċħad it-tieni (2) u t-tielet (3) eċċezzjonijiet tal-konvenuti tordna l-prosegwiment tal-kawża fuq il-mertu.

L-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni preliminari jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

[26] App. Ċiv. 618/2000/1 PS, deċiża 24 ta' Marzu, 2004.

Vera Kopja

Għar-Reġistratur